MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2004

Numru 746/2003

**Il-Pulizija
(Spettur Joseph Agius)**

**vs**

**EMMANUELE FARRUGIA**

**Illum 2 ta' Marzu, 2004**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Emmanuele Farrugia, iben Antonio u Angela nee` Fenech, imwieled Marsaxlokk fil-15 t'Awissu 1951 detentur ta' karta ta' l-identita` nru 639651M u joqghod nru. 17, Firilla Street, Marsaxlokk gie akkuzat:

Talli gewwa gewwa Marsaxlokk fit-12 ta' Marzu 2003 u fiz-zmien ta' qabel, bhala il-propjetarju tal-fond nru 47, Triq il-Papa Piju V M'Xlokk, u bhala il-persuna responsabbli ghall-meter tal-elettriku fl-imsemmi fond, b'mezzi qarrieqa li bihom wiehed jistgha jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fil-meter, tal-kwantita mehuda jew ikkunsmata fil-fond hawn fuq imsemmi u b'hekk ikkommetta serq ta' dawl ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq kien ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-hin ai termine tal-artikoli 261, 263, 267 u 270 tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Ukoll talli fl-istess cirkostanzi ghamel hsara volontarja fl-istess meter tad-dawl ghad-dannu ta' l-istess Korporazzjoni bi ksur tal-artikolu 326(f) tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-qorti giet mitluba li tapplika il-provedimenti tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghall-Hlas tal-ispejjez peritali.

Semghet provi.

Rat l-atti kollha u d-dokumenti esebiti.

Semghet trattazzjoni.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. JA3 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Illi fis-Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2003 Robert Bugeja ghan-nom tar-Registratur tal-Qrati esebixxa Nota ta' l-Avukat Generali u proces-verbal redatt mill-Magistrat Dr. Antonio Mizzi li jgib id-data 2 ta' Mejju 2003 fl-atti ta' l-Inkjesta dwar meter tad-dawl imbaghbas fil-fond nru. 47 Triq Papa Piju V, Marsaxlokk u li gie mmarkat bhala Dok. RB1.

Illi l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Joseph Agius fis-27 ta' Ottubru, 2003 xehed illi fit-12 ta' Marzu tas-sena kurrenti huwa rcieva rapport mis-Senior Fitter tal-Korporazzjoni

Enemalta li jismu John Camilleri u waqt li dan kien qed jaghmel spezzjoni fil-fond nru. 47 Triq Papa Piju V, Marsaxlokk, dan induna li l-meter li jirregistra l-konsum ta' l-elettriku li kien tat-tip Ganz nru. tar-registrazzjoni 4070668 kellu toqba zghira bi dritt id-disk in-naha tal-lemin meta wiehed ihares lejn il-meter.  Meta wiehed ihares lejn id-diska kien hemm grif irqiq fuqha.  Dak il-hin il-meter kien qed jirregistra konsum u kien jaqra 8483 units.  Zied jghid li l-meter kien registrat f'isem Emanuel Farrugia nru ta' l-ID 639651(M) u li dan Emanuel Farrugia meta gie mkellem mill-Pulizija dwar it-tbaghbis fil-meter hu qal li ma kienx jaf bit-toqba u li d-dar kien wiritha minghand missieru u kien anke jikriha lil terzi persuni.  Qal li hu f'dan l-istadju avza lill-Magistrat Inkwirenti li ordna li ssir inkjesta u hatar lil Horace Anastasi bhala court expert. In kontro-ezami, hu qal li ma marx fuq il-post u li kien mar is-Surgent li hu PC 808.

Illi fl-istess Seduta xehed bil-gurament PS 808 Nazzareno Sammut fejn qal illi fit-12 ta' Marzu tas-sena kurrenti, u dan ghall-habta ta' nofsinhar, mar l-Ghassa ta' B'Bugia certu John Camilleri li hu impjegat ma' l-Enemalta u xoghlu li jiccekkja l-meters.  Dan infurmahom li kellu meter imbaghbas gewwa fond nru. 47 Triq Papa Piju V, Marsaxlokk, li d-dar tappartjeni lil certu Emanuel Farrugia. PS 808 Nazzareno Sammut qal li kien PC 1250 Paul Saliba li kien mar fuq il-post u li hu lill-imputat ma kienx kellmu.

Xehed ukoll fl-istess Seduta bil-gurament Horace Anastasi fejn qal li huwa gie nominat mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Antonio Mizzi fl-Inkjesta dwar meter tad-dawl imbaghbas fi-fond nru. 47 Triq Papa Piju V, Marsaxlokk.  Huwa gie muri r-relazzjoni tieghu, Dok. HJA1 u ikkonferma li hija r-relazzjoni tieghu u wkoll ghamel referenza ghal disa' ritratti li huwa esebixxa u li qeghdin esebiti wkoll fl-istess relazzjoni f'envelope kannella li jinsab a fol. 19 tal-istess proces-verbal u kkonferma li dawn ir-ritratti hadhom hu kif ukoll li jaghraf il-firma tieghu fuq kull fejn tidher fl-istess relazzjoni.  Iddikjara wkoll li huwa qeda fedelment u onestament l-inkarigu moghti lilu.

In kontro-ezami, fuq domanda ta’ l-avukat difensur, huwa qal li meta huwa mar fuq il-post il-meter kien qed jirregistra. Fil-hin li huwa ghamel l-access fuq il-post ma kien hemm xejn milli kien qed iwaqqaf l-arlogg milli jdur. Filwaqt li gharaf lill-imputat prezenti fl-Awla, huwa qal li l-imputat kien qalilhom li hu ma jghix fil-fond nru. 47 Triq Papa Piju V, Marsaxlokk, pero` qal li huwa kkonstata li l-fond kien abitabbli. Huwa qal li mill-ezami li ghamel ta’ din it-toqba li kien hemm fil-meter ikkonstata li din kienet ricenti u fil-fatt din ma kellhiex skorca ta’ hadid madwarha li jindika li jkun ghadda xi zmien minn mindu kienet saret. Huwa eleva l-meter u dan nghata lill-Korporazzjoni Enemalta. It-toqba qeghda gewwa l-hadid fuq ix-xellug tal-ghata u li din it-toqba hija wahda mill-izjed toqob li qatt ra u tidher sew.

Illi fir-Relazzjoni tieghu Dok. HJA1 li tinsab a fol. 6 et seq. tal-Proces-Verbal (Dok. RB1), il-Perit Tekniku Horace Anastasi ikkonkluda:

Illi Emanuel Farrugia huwa responsabbli mill-Meter indikat.

Illi d-danni tal-hsarat huma minimali.

Illi l-Valur ta’ xi Kurrent Elettriku li setgha nsteraq ghad mhux maghruf.

Illi ntnehhew xi Sigilli u l-uniku Sigill li nthalla, infetah, sabiex setghet tinfetah l-Ghata tal-Meter, ittaqbet l-istess Ghata sabiex setghet tiddahhal xi haga bil-ponta u soda, biex twaqqaf id-Diska milli ddur u b’hekk ma tirregistrax il-Konsum Elettriku.

Illi fis-Seduta tas-27 ta’ Ottubru, 2003 xehed ukoll bil-gurament John Camilleri, senior fitter mal-Korporazzjoni Enemalta, li qal li huwa kellu appuntament biex imorru jibdlu il-meter gewwa 47 Triq Papa Piju V, Marsaxlokk. Huwa mar u kif dahal induna li kien hemm is-sigilli tal-cover tal-meter neqsin u s-sigill tas-service box taht l-istess meter li kienet maqtugha. L-uniku sigill li kien hemm kien fuq il-bejt ta’ taht il-meter u dan is-sigill huwa

nnota li kien imbaghbas. Qal li kif qalghu l-cover tal-meter innotaw li dan kellu toqba fil-genb. Meta habbtu l-bieb ma kien hemm hadd u mbaghad huma cemplu fuq telefon u marret mart l-imputat fuq il-post u fethitilhom.

In kontro-ezami huwa qal li kif huma mbaghad wara li spezzjona dan il-meter huma ssigillawh u mbaghad marru l-Ghassa u ghamlu rapport. Fuq il-karta li lilhom jaghtuhom ta' l-Enemalta biex huma jmorru jibdlu l-meters ikun hemm l-isem ta' l-applikant. Huwa marru fuq il-post stante li kien hemm applikazzjoni ghal bdil ta' meter u mhux spezzjoni b'sorpriza. Il-meter kien antik tal-marka Ganz. Huwa mbaghad wara r-rapport fl-Ghassa mar jistenna l-Court Expert li mbaghad mar u hu kien prezenti ghall-access tal-Court Expert. Meta kien hemm l-Espert tal-Qorti prezenti fil-fond li semma, u cioe` 47 Triq Papa Piju V, Marsaxlokk kien hemm prezenti wkoll l-imputat. Il-meter kien antik u mhux imsaddad esagerat.

Xehed ukoll fl-istess Seduta bil-gurament Silvio Decelis, Administrative Officer fil-Finance Division tal-Korporazzjoni Enemalta fejn esebixxa Dok. SD1 li jindika kif il-fond qieghed registrat mal-Korporazzjoni Enemalta. Esebixxa wkoll bhala Dok. SD2 ir-record of consumption rigwardanti l-elettriku u esebixxa bhala Dok. SD3 ir-record of consumption dak li jirrigwarda l-ilma. Esebixxa wkoll bhala Dok. SD4 in kwantu ghal dokument li hu r-rapport ta' l-ispezzjoni u Dok. SD5 history card rigwardanti l-meter. Qal li n-nies taghhom marru fuq il-fond in kwistjoni stante li mir-rizultanzi ta' l-awdituri taghhom il-kontijiet rigwardanti dan il-fond ma kienux qed jithallsu. Qal li kien jirrizultalhom li l-fond ma kienx qed jinfetah ghall-qari. Konsegwentement l-ispezzjoni saret ghax kienet ordnata mill-Korporazzjoni. Qal li kien id-dipartiment li kien ordna l-bdil tal-meter u fil-fatt il-procedura hi li huma l-Water Services Corporation li ghamlu t-talba ghalihom u huma bhala Enemalta jaghmlu x-xoghol. B'referenza ghad-dokument Dok. SD5 qal li dan il-meter kien twahhal fis-16 ta' Awissu 1960 u ghalhekk kien meter kemmxejn antik. Kien applika ghalih certu Anthony Farrugia u l-meter twahhal f'St. Paul's House, St. Pius Street, Marsaxlokk. B'referenza ghad-dokument Dok. SD2, li hu record of

consumption ta' l-elettriku, dan kien jindika skond dawn ir-records li l-post kien dejjem jinzamm maghluq u ghalhekk ghax kien jimmarka maghluq kienu jinhargu estimates u baqa' sejjer hekk sakemm infetah il-fond cioe` fil-gurnata li saret l-ispezzjoni. Huwa ghamel referenza ghall-ahhar qari tal-meter indikat fuq l-istess Dok. SD2 li jindika d-data tat-12 ta' Marzu, 2003 u johrog kumulazzjoni ta' konsum fil-fatt fuq l-ammont juri li kien hemm konsum ta' 3520 units. Dan juri li l-estimations li kienu saru kienu kemmxejn baxxi. Qal li meta wiehed jikkonsidra l-load tal-fond li jindika li ma kienx fih apparat jara l-estimations plus l-accumulations dan juri li l-post kien hemm li qed jinhela d-dawl u mhux il-post allura kien maghluq u ma jintuzax. Qal li huma mill-ezamijiet ta' l-estimations u l-accumulation waslu ghall-konkluzjoni li kien hemm uzu normali tal-fond bhala konsum u jekk wiehed jghodd l-accumulation u mbaghad jikkomparah mar-rizultanzi ta' l-ispezzjoni jindika li allura r-rizultat ikun li jkun ibbilancjat. In kwantu ghall-ammont ta' Lm125.68 dan johrog bhala rizultat tal-fond ta' l-accumulation rigwardanti l-ispezzjoni li saret fit-12 ta' Marzu, 2003 u li dan l-ammont ghadu ma thallasx. Qal li lanqas l-ammonti l-ohra indikati fuq l-istess Dok. SD2 li kienu bbazati fuq estimates ghadhom ma thallsu. Qal ukoll li l-imputat dak inhar ta' l-ispezzjoni kien ghamel deposit ta' Lm250 u li bejn wiehed u iehor l-ammont dovut mill-imputat bhala bilanc huwa ta' cirka Lm300.

Rega' xehed ukoll fl-istess Seduta l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Joseph Agius u esebixxa bhala Dok. JA4 l-Okkorrenza tal-Pulizija.

L-imputat Emmanuele Farrugia xehed fis-Seduta tal-14 ta' Jannar, 2004 fejn qal illi in kwantu ghall-fond nru. 47 Triq Papa Piju, Marsaxlokk dan gie ghandu billi kienet mietet ommu u dan il-post hadu b'wirt minghand ommu. Qal li l-fond imbaghad gie ghandu b'divizjoni, b'kuntratt datat 4 ta' Ottubru 1988 fl-atti tan-Nutar Dr. Tonio Spiteri. Huwa qal li l-post inbena circa 1966 u minn dak iz-zmien sa perjodu circa 17-il sena kienet toqghod fih familja u mbaghad din il-familja harget u l-post waqa' f'idejn missieru. Qal li mid-data li l-post gie f'idejh b'att ta' divizjoni li diga` semma

sad-data tal-ispezzjoni u cioe` 12 ta' Marzu, 2003 li tirrigwarda din il-kawza qal li dan il-post dejjem kien maghluq u zied jghid ukoll li dan il-fond ghalhekk dan il-perijodu li semma qatt ma kien abitat. Fil-fatt hu tkellem ukoll ma' martu ghall-fatt li ma kienux qed jircievu lanqas kontijiet dwar l-arlogg tal-meter rigwardanti dan il-fond. Circa 8 snin ilu kien baghat lill-mara Hal-Luqa u din kienet hallset jidhirlu Lm84 kera tal-arloggi ghal dan il-fond. Huwa cirka erba' snin jew hames snin ilu ghamel rinovar tal-post u dan ghall-fini li jekk tigi opportunita` jikrih pero` xorta baqa' ma krihx. Esebixxa tlett ricevuti tad-dawl u l-ilma tal-fond fejn qal li joqghod. Huwa ppreciza li effettivament dawn it-tliet ricevuti li esebixxa hemm l-iktar wahda ricenti nieqsa ghax jekk mhux sejjer zball ghandu kont issa li ghadu kif ircevih. Huwa kkonferma bil-gurament tieghu li la hu personalment u lanqas qabbad lil xi hadd biex b'xi mod ibaghbas mal-meter tad-dawl tal-fond li semma u cioe` tal-fond 47 Triq Papa Piju V, Marsaxlokk.

In kontro-ezami huwa kkonferma bil-gurament tieghu li minn mindu dan il-post gie f'idejh hadd ma ghex go dan il-post. Huwa qal dwar ix-xoghol ta' rinovar li sehh f'dawn l-ahhar snin kien hemm irrangar ta' kamra tal-banju u tibjid u wkoll il-fond gie armat b'mobbli. Huwa qal li in kwantu ghal xoghol ta' elettriku, il-wires tal-elettriku gew mghoddija fil-conduit. Qal li huwa kemm dam il-post maghluq huwa l-arlogg qatt ma talab biex jinbidel u fil-fatt qatt ma nbidel sa qabel id-data tat-12 ta' Marzu 2003 u kkonferma li dan il-post ma kien krih lil hadd.

Il-Qorti sejra issa taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

Illi fid-deposizzjoni tal-imputat (Seduta tal-14 ta' Jannar, 2004), dan sostna li mid-data li l-post gie f'idejh sad-data tal-ispezzjoni il-post dejjem kien maghluq u qatt ma kien abitat. F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghal-bran mid-deposizzjoni ta' Silvio Decelis (administrative officer fil-finance division tal-Korporazzjoni Enemalta) (Seduta tal-27 ta' Ottubru, 2003): "Nghid li meta wiehed jikkonsidra il-load tal-fond li jindika li ma kienx fih hafna apparat jara l-estimations plus l-accumulations dan juri li l-

post kien hemm li qed jinhela d-dawl u mhux il-post allura kien maghluq u ma jintuzax. Nghid li ahna mill-ezamijiet ta' l-estimations u l-accumulation wasalna ghall-konkluzzjoni li kien hemm uzu normali tal-fond bhala konsum u jekk wiehed jghodd l-accumulation u imbaghad jikkomparah mar-rizultanzi ta' l-ispezzjoni jindika li allura ir-rizultat ikun li jkun ibbilancjat".

Illi fil-Konstatazzjonijiet tieghu, il-Perit Tekniku Horace Anastasi (fol. 12 tal-Process Verbal (Dok. RB1)), inter alia, jiddikjara:

"Illi hawn Sigill tac-Comb, wiehed, u dan jidher imbaghbas.

Illi m'hawnx Gasket fuq in-naha ta' gewwa ta' l-Ghata ta' dan il-Meter.

Illi hawn Toqba fuq ix-Xellug ta' l-Ghata ta' dan il-Meter; u illi hawn sinjali ta' Brix mad-Diska ta' l-istess Meter."

Indubbjament dan iwassal ghall-konkluzjoni illi l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-ezistenza ta' mezzi qarrieqa u ta' tbaghbis fil-meter.

F'dan l-istadju l-Qorti taghmel referenza ghall-Artikolu 264(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta illi jipprovdi kif gej:

"Fil-kaz ta' ksur ta' kanni tas-servizz pubbliku ta' l-ilma jew tas-servizz tal-gass, jew ta' fili jew gumni tas-servizz elettriku, jew tal-*meters* taghhom, jew ta' xi sigill ta' xi *meter*, jew fil-kaz ta' l-ezistenza ta' mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista' jkollu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' dan l-ilma, gass, jew kurrent elettriku, jew li bihom jista' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fil-*meter* tal-kwantita` mehuda jew ikkunsmata, jitqies, sakemm ma jigix ippruvat il-kuntrarju, bhala prova illi d-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f'idejha l-fond fejn ikunu jinsabu dawk il-ksur jew il-mezzi qarrieqa, jaf jew taf b'dan l-uzu jew konsum ta' ilma, gass jew kurrent elettriku, skond ma jkun il-kaz."

Issa li gie stabilit li kien hemm mezzi qarrieqa u tbaghbis fil-meter, il-Qorti trid tara jekk l-imputat irnexxielux jirribatti l-presunzjoni li tohrog mill-artikolu tal-ligi fuq citat.

Dwar it-tliet ircevuti tad-dawl u l-ilma li jinsabu minn fol. 40 sa fol. 43 tal-Process li l-imputat ippresenta fis-Seduta tal-14 ta’ Jannar, 2004 fejn fid-deposizzjoni tieghu sostna li huma ta’ fejn joqghod, il-Qorti hi tal-fehma li dawn l-ircevuti li huma rispettivament datati 27/01/2003, 02/06/2003 u 25/09/2003 ma jirribattux il-presunzjoni li temana mill-artikolu 264(2) tal-Kodici Kriminali nostran. F’dan ir-rigward il-Qorti tirreferi ghal dak li qal Silvio Decelis fid-deposizzjoni tieghu moghtija fis-Seduta tas-27 ta’ Ottubru, 2003 u cioe` li huma mill-ezamijiet ta’ l-estimations u l-accumulation waslu ghall-konkluzzjoni li kien hemm uzu normali tal-fond bhala konsum.

Jigi inoltre rilevat li mhux kontestat mill-imputat li l-fond nru. 47 Triq Papa Piju V, Marsaxlokk jappartjeni lilu. Difatti fid-deposizzjoni li l-imputat kien taha quddiem il-Perit Tekniku Horace Anastasi fis-Seduta tat-12 ta’ Marzu, 2003 fl-Inkjesta, l-imputat kien qal illi l-Fond, 47, Triq il-Papa Piju V, Marsaxlokk, ilu li wirtu xi 13-il sena ilu. L-imputat, qal ukoll li xi 13-il sena ilu, l-Arlogg tad-Dawl dar fuq ismu. Mill-istess deposizzjoni tal-imputat quddiem il-Perit Tekniku, il-Qorti sejra ticcita s-segwenti:

“Qaluli u wrewni Toqba fuq ix-Xellug ta’ ‘l-Ghata ta’’ l-istess Meter.

X’hin ftahtu l-imsemmi Meter ghidtuli u wrejtuni li l-Gasket kienet nieqsa u dehru xi sinjali ta’ Brix mad-Diska.

Jien responsabbli ta’ dan il-Fond u ta’ l-imsemmi Arlogg, izda, jien la qatt ma messejtu u lanqas rajt lil min imissu”.

Illi fid-deposizzjoni li l-imputat kien taha quddiem din il-Qorti fis-Seduta tal-14 ta’ Jannar, 2004 l-imputat qal li la hu personalment u lanqas qabbad lil xi hadd biex b’xi mod ibaghbas mal-meter tad-dawl tal-fond li semma u cioe` tal-fond 47 Triq Papa Piju V, Marsaxlokk.

Dan iwassal il-Qorti biex tikkunsidra dwar l-aspett importanti tal-kredibilita` tal-imputat. F’dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghad-deposizzjoni tal-imputat moghtija quddiem din il-Qorti fis-Seduta tal-14 ta’ Jannar, 2004 fejn dan sostna li mid-data li l-post gie f’idejh b’att ta’ divisjoni sad-data tal-ispezzjoni u cioe` 12 ta’ Marzu, 2003 dan il-post dejjem kien maghluq u zied jghid ukoll li dan il-fond ghalhekk dan il-perjodu li semma qatt ma kien abitat. L-imputat qal ukoll li huwa cirka erba’ snin jew hames snin ilu ghamel rinovar tal-post u dan ghall-fini li jekk tigi opportunita` jikrih pero` baqa’ ma krihx. In kontro-ezami l-imputat ikkonferma li minn mindu dan il-post gie f’idejh hadd ma ghex go dan il-post u li dan il-post ma kien krih lil hadd. Hawn il-Qorti taghmel referenza ghas-segwenti bran mid-deposizzjoni ta’ l-Ispettur Joseph Agius moghtija quddiem din il-Qorti fis-Seduta tas-27 ta’ Ottubru, 2003: “Nghid li dan Emmanuel Farrugia meta gie mkellem mill-pulizija dwar it-tbabis fil-meter hu qal li ma kienx jaf bit-toqba u li d-dar kien wiritha minghand missieru u kien anke jikriha lil terzi persuni.” (Sottolinjar tal-Qorti). F’dan ir-rigward il-Qorti taghmel ukoll referenza ghar-Rapport li l-Ispettur Joseph Agius ghamel lill-Magistrat Inkwirenti datat 12 ta’ Marzu 2003 u presentat fit-13 ta’ Marzu, 2003 (ara fol. 2 tal-Process Verbal Dok. RB1) fejn l-istess Spettur qal illi: “Fil-prezent il-post huwa vojt. Farrugia kien wiret il-post xi zmien ilu u kien jikrih lil terzi persuni. Huwa cahad li kien jaf bit-toqba li nstabet fil-meter jew li kien l-awtur ta’ xi serq tal-elettriku.” (Sottolinjar tal-Qorti)

F’dan l-istadju hu opportun li ssir referenza ghal bran mid-deposizzjoni tal-Perit Tekniku Horace Anastasi moghtija fis-Seduta tas-27 ta’ Ottubru, 2003, fejn in kontro-ezami, ix-xhud qal: “Nghid illi jien mill-ezami li ghamilt ta’ din it-toqba li kien hemm fil-meter ikkonstatajt li din kienet ricenti u fil-fatt din ma kellhiex skorca ta’ hadid madwarha li jindika li jkun ghadda xi zmien minn mindu kienet saret”. (Sottolinjar tal-Qorti) Dan hu rilevanti ghall-fatt li kif sostna l-imputat fid-deposizzjoni tieghu quddiem il-Perit Tekniku fis-Seduta tat-12 ta’ Marzu, 2003, fl-Inkjesta: “Il-Fond, 47, Triq il-Papa Piju V, Marsaxlokk, ilni li writtu xi 13-il sena ilu”. (Sottolinjar tal-Qorti).

Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet u fid-dawl tas-suespost il-Qorti hi tal-fehma li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-akkuzi migjuba kontra l-imputat.

Rat l-artikoli 261(b), (c) u (f), 263(a), 264, 267, 270, 278(3), 280(2) u 326(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Emmanuele Farrugia, hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluza l-fedina penali tal-imputat, tillibera lill-istess imputat taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet (3) snin millum.

Il-Qorti qed taghti lill-imputat Emmanuele Farrugia l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment inkwantu ghat-talba tal-Prosekuzzjoni li l-Qorti tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-hlas tal-ispejjez peritali peress illi l-Qorti rat li l-perit tekniku li gie nominat kien fl-Inkjesta u mhux fil-kawza ghalhekk tichad it-talba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------